MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 94/2004

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Il-Girna Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Hlas fl-ammont ta' sitta w'erbghajn Lira u seba' centezmu (Lm46.07) kwantu ghal Lm 39.04c *sentejn* Royalty dovuta bil-quddiem ghal perjodu 6 ta' Marzu, 2003 sal-5 ta' Marzu, 2005, in konnessjoni mal-licenza Nru.011095 (Dok 'A') rilaxxjata mis-Socjeta' attrici a favur tal-konvenut b'liema licenza il-konvenut qieghed jigi moghti d-dritt li jxandar lil pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment "Il-Girna Bar Restaurant" Sannat, Ghawdex, u Lm 7.03c Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Is-Socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-31 ta’ Mejju, 2003 u tal-31 ta’ Mejju, 2004 kontra l-konvenut li huwa ingjunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.”

Wara li ra n-Nota tad-dikjarazzjonijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu tieghu jigi ppruvat (Art 698(2) u 702 Kap 12 );

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx bla ma gab ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet m’ghandhomx jitqiesu ammessi u accettati;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghalhekk jikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ LM46.07c hlas ta’ *royalty* imsemmi fl-avviz tat-talba u VAT relattiv; bl-imghax legali mis-6 ta’ Marzu 2003 sad-data tal-effettiv pagament; bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-31.05.2003 u tal-31.05.2004.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------